## Perpetrator's Service

Il-persuni li jkunu qed iwettqu l-abbuż għandhom bżonn l-għajnuna wkoll, ħalli jkunu jistgħu jbiddlu l-imġiba tagħhom. Dan is-servizz jingħata lil irġiel abbużivi li għandhom 'il fuq minn 18-il sena, biex jifhmu u jbiddlu l-attitudni tagħhom minn vjolenza għal rispett u sigurtà lejn il-familja tagħhom. Din il-bidla tkun tista' tippermetti relazzjoni b'saħħitha bejn il-membri tal-familja.



## X'joffri dan is-servizz?

L-għan prinċipali ta' dan is-servizz hu li tiġi mħarsa s-sigurtà tan-nisa u t-tfal kif ukoll li jwassal lill-irġiel li jkunu qed jagħmlu l-abbuż sabiex jieħdu r-responsabbiltà tal-aġir tagħhom billi jifhmu l-imġiba tagħhom u x'qed jikkawżaw. Dan normalment jiġri permezz ta' sessjonijiet fi gruppi li jdum għal ftit xhur. Matul il-programm dawn l-irġiel ikunu jistgħu jaħdmu fuq l-imġieba tagħhom li tkun qed iġġegħelhom jaġixxu b'dak il-mod.

Qabel ma jibdew jattendu dawn il-gruppi, dawn l-irġiel isirilhom assessment minn professjonist/a. Wara li jkunu attendew il-programm, dawn l-irġiel jiġu mħajra jipparteċipaw f'support groups fuq bażi regolari.

F'każijiet fejn il-mara / sieħba tkun qed tirċievi servizz mit-Taqsima kontra l-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija, ikun hemm kollaborazzjoni bejn il-professjonisti involuti maż-żewġ partijiet sabiex ikun hemm aġġornament dwar l-iżviluppi min-naħa tal-aggressur.



## X'nista' nagħmel jekk naf b'xi abbuż?

Persuna li taf b'xi abbuż hu ta' liema tip hu, tista' tgħin billi jew tagħmel rapport lill-pulizija, jew iċċempel dirett lill-Aġenzija Appoġġ fuq 2295 9000 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju, jew fuq Supportline 179, li hija linja bla ħlas miftuħa 24-siegħa kuljum. Tista' wkoll titkellem ma' professjonisti oħrajn li tafda ħalli dawn ikunu jistgħu jirreferu l-każ lill-Aġenzija. Preferibbilment, dan isir bil-kunsens tal-vittma tal-abbuż. Il-vittma għandha wkoll tiġi mħajra biex tirrapporta l-abbuż u/jew tersaq lejn is-servizzi għall-għajnuna.




**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

**Aġenzija APPOĠĠ**
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

**Aġenzija SAPPORT**
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt




# Vjolenza Domestika

### Servizzi ta' appoġġ għal vittmi ta' vjolenza domestika u programmi għal min jabbuża

APPOĠĠ
*Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità*

www.appogg.gov.mt

## X'inhi l-vjolenza domestika?

Vjolenza domestika sseħħ meta persuna tabbuża lil persuna oħra li tgħix fl-istess dar. Ħafna drabi, dan jiġri minn raġel fuq mara li jkunu f'relazzjoni. Dan l-abbuż jista' jieħu diversi forom, fosthom vjolenza fiżika, abbuż emozzjonali u psikoloġiku, abbuż finanzjarju, kif ukoll abbuż sesswali. L-abbuż hu mod kif il-persuna li qed tagħmel l-abbuż turi l-kontroll u l-poter tagħha fuq il-persuna l-oħra.

## Min jista' jkun vittma?

Għalkemm normalment huma n-nisa li jkunu l-vittmi ta' vjolenza domestika, dan ma jeskludix il-fatt li xi rġiel jistgħu jkunu huma l-vittmi. Id-differenza hi li meta l-irġiel huma l-vittma, dawn isibuha aktar diffiċli biex ifittxu l-għajnuna.

Jeżistu wkoll sitwazzjonijiet fejn il-ġenituri jispiċċaw abbużati mit-tfal tagħhom stess. Dan hu wkoll każ ta' vjolenza domestika, ladarba l-abbuż ikun seħħ bejn adulti fl-istess dar. Vjolenza domestika tinkludi wkoll abbuż bejn żewġ persuni li huma jew kienu għarajjes jew xi darba kienu koppja, irrelevanti jekk għandhomx tfal flimkien jew le; abbuż bejn koppji omosesswali; kif ukoll abbuż fuq persuni anzjani.

## Kif l-Aġenzija Appoġġ tgħin lil persuni f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika?

L-Aġenzija Appoġġ toffri servizzi kemm lill-vittmi ta' vjolenza domestika u lit-tfal tagħhom, kif ukoll lil min jabbuża. Wieħed jista' jaċċessa dawn is-servizzi billi jikkuntattja lill-Aġenzija fuq Supportline 179 jew 2295 9000.



## Servizz kontra l-Vjolenza Domestika

Malli vittma ta' vjolenza domestika tagħmel kuntatt mal-Aġenzija, din tiġi referuta lis-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika. Dan hu servizz speċjalizzat ta' ħidma soċjali li jingħata lil adulti vittmi ta' abbuż, u lit-tfal tagħhom, jekk ikun il-każ. L-għan ta' dan is-servizz hu li jgħin lill-vittmi billi tkun offruta assistenza biex tilħaq il-bżonnijiet emozzjonali, psikoloġiċi kif ukoll materjali ta' dawn in-nies.



## X'tip ta' għajnuna tingħata minn dan is-servizz?

Vittmi ta' vjolenza domestika ta' 'l fuq minn 18-il sena jistgħu jibbenefikaw minn dan is-servizz. Flimkien mas-social worker, il-vittmi jkunu jistgħu jħejju pjan għal futur sikur kemm jista' jkun, għalihom u għal uliedhom. Dawn ikunu ggwidati b'tali mod li jerġgħu jibdew jiskopru l-ħiliet tagħhom, peress li ħafna drabi jkunu tilfu l-istima lejhom infushom minħabba l-abbuż psikoloġiku li jkunu għaddejjin minnu. Permezz ta' konsulenza ma' avukat, Appoġġ toffri wkoll assistenza lill-vittmi billi turihom x'inhuma d-drittijiet legali tagħhom.

F'ċerti każijiet jista' jkun hemm bżonn li l-vittma ma tibqax tgħix taħt l-istess saqaf ma' min qed jabbuża minnha, u f'dan il-każ tkun referuta għal xelter – post sikur intenzjonat għal nisa vittmi ta' vjolenza domestika u wliedhom - jew xi akkomodazzjoni oħra fejn il-mara tħossha sikura.

Is-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika jipprovdi wkoll appoġġ permezz ta' support groups għall-vittmi li r-raġel tagħhom ikun qed jattendi l-programm offrut mill-Perpetrator's Service. Dawn in-nisa jistgħu jkunu referuti wkoll għal servizzi u professjonisti oħrajn, skont il-bżonn.

## Għabex

Din ir-residenza tilqa' nisa li huma vittmi ta' vjolenza domestika, u lil uliedhom, f'każijiet ta' emerġenza. L-għan hu li jkun provdut post sikur għal dawn il-vittmi, li f'ċerti mumenti jiġu bżonn protezzjoni immedjata. L-għan ta' dan is-servizz, minbarra li jagħti kenn sikur u temporanju lill-vittmi, hu wkoll li jgħin lil dawn in-nisa u lil uliedhom jifhmu li l-abbuż taħt l-ebda ċirkustanzi ma hu aċċettabbli u lanqas ġustifikat.

## F'hiex jikkonsisti s-servizz?

L-istaff ta' dan ix-xelter, flimkien mas-Servizz kontra l-Vjolenza Domestika, jagħti l-appoġġ lil dawn in-nisa fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum, filwaqt li jgħinuhom iħejju pjan għall-futur. Dawn in-nisa jkunu mħeġġa jħejju pjan li jkun jinkludi akkomodazzjoni għal meta jitilqu minn Għabex, kwistjonijiet ta' saħħa, ifittxu impjieg jekk ma jkunux jaħdmu, u jingħataw ukoll għajnuna relatata mat-tfal, jekk ikun il-każ. Issir ukoll kollaborazzjoni ma' servizzi oħra relatati sabiex il-vittmi jingħataw servizz komplet kemm jista' jkun. Meta hu possibbli, ir-residenti f'dan is-servizz jkunu mħeġġa jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja.



## Kemm jistgħu jdumu jgħixu f'dan il-post dawn il-vittmi?

In-nisa li jkunu qed joqgħodu f'dan il-post jistgħu jagħmlu dan għal perjodu ta' madwar tliet xhur. Wara dan iż-żmien, dawn il-persuni jimxu għal post ieħor jew f'xi akkomodazzjoni oħra li tkun instabet meta l-mara tkun għadha toqgħod fl-Għabex, jew anke jirritornaw lura d-dar.